# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għoxrin (20) ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 582/2021 FDP**

**Fl-atti l-Mandat ta' Sekwestru numru 818/2021**

**fl-ismijiet**

**Alfred Schwab**

**Vs**

**Mr Green Limited**
**(C 43260)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 16 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti Mr Green Limited talbet is-segwenti:

> *... s-soprasessjoni u/jew it-twaqqif tal-eżekuzzjoni tal-mandat odjern bil-konsegwenza li ma għandu jsir ebda żbank mill-eżekutant ta' ċedoli ddepożitati mis-sekwestratarji, sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri intavolati ai termini tal-Artiklu 10 tar-Regolament ġewwa l-Awstrija; jew alternattivament tordna li l-effetti tal-mandat de quo jiġu limitati għal dawk ta' mandat kawtelatorju skond l-istess Artikolu 23 u dan pendenti l-eżitu tat-talba għall-irtirat taċ-Ċertifikat ta' Ordni ta' Infurzar Ewropew*

*illi saret ġewwa l-Qorti Reġjonali ta' Salzburg ai termini tal-Artikolu 10 tar-Regolament; kif ukoll*

*Tordna n-notifika tad-digriet tagħha fuq dan ir-rikors u r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili.*

2. Rat illi fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament u ordnat in-notifika lill-kontro parti filwaqt illi sussegwentement appuntat ir-rikors għas-smiegħ għal-14 ta' Lulju 2021 sabiex jinstema' kontestwalment mar-rikors revoka Nru 603/2021 fl-istess ismijiet intavolat fit-23 ta' Ġunju 2021.

3. Rat illi fl-14 ta' Lulju 2021, l-intimat Alfred Schwab irrisponda għal dak mitlub billi oġġezzjona għat-talba kif redatta.

**Ikkunsidrat**

4. Jirriżulta illi l-proċeduri odjerni inbdew bħala riżultat ta' Mandat ta' Sekwestru Nru 818/2021 maħruġ fuq talba ta' l-intimat Alfred Schwab kontra s-soċjeta' rikorrenti.

5. Jirriżulta illi l-Mandat ta' Sekwestru meritu tal-proċeduri odjerni inħareġ fl-10 ta' Ġunju 2021 abbażi ta' ċertifikat maħruġ mill-Qorti Reġjonali ta' Salzburg ġewwa l-Awstrija fil-15 ta' April 2021, liema ċertifikat inħareġ abbażi tar-Regolament Ewropew 805/2004 li jikkonsisti f'Ordni Ewropew ta' Infurzar għal Talbiet mhux Ikkontestati.

6. Jirriżulta, di fatti, illi bejn il-partijiet kien hemm proċeduri quddiem il-Qorti Reġjonali ta' Salzburg, l-Awstrija, illi ġew deċiżi fit-18 ta' Novembru 2020.

7. Jirriżulta illi, madanakollu, hemm qbil mill-partijiet illi tali proċeduri kienu attwalment ikkontestati u mhux, kif indikat "*uncontested*", bir-riżultat illi l-enforzar tas-sentenza ġewwa Malta ma setgħetx issir permezz tal-istrument legali kkreat bir-Regolament 805/2004, iżda semmai kellha tintuża strument legali ieħor, ossija ċ-ċertifikat maħruġ a tenur tar-Regolament 1215/2012 li jirregola l-enforzar ta' sentenzi ġudizzjarji bejn stati membri tal-Unjoni Ewropeja.

8. Jirriżulta illi għalhekk is-soċjeta' rikorrenti Mr Green Limited intavolat il-proċeduri ġewwa l-Awstrija sabiex tħassar iċ-ċertifikat maħruġ a tenur tar-regolament 805/2004 illi abbażi tiegħu ġie ppreżentat il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv meritu tar-rikors odjern.

9. Jirriżulta wkoll illi, permezz tal-presenti, s-soċjeta' rikorrenti talbet it-twaqqif tal-Mandat ta' Sekwestru pendenti l-proċeduri gewwa l-Awstrija.

10. Jirriżulta mill-atti ppreżentati fil-proċeduri 603/2021 fl-istess ismijiet li qed jinstemgħu kontestwalment mal-proċeduri odjerni, illi permezz ta' deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2021, il-Qorti Reġjonali ta' Salzburg irrevokat iċ-

ċertifikat maħruġ abbażi tar-Regolament 805/2004, stante illi saħqet illi nħareġ erronjament.

11. Jirriżulta għalhekk illi llum il-ġurnata ċ-ċertifikat li abbażi tiegħu nħareġ il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv nru 818/2021 ġie revokat, bir-riżultat illi jispetta illi l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv innifsu kellu jiġi revokat.

12. Jirriżulta illi permezz tal-proċeduri fl-istess ismijiet Nru 603/2021 illi qed jinstemgħu kontestwalment u qed jiġu deċiżi flimkien mar-rikors odjern, l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 818/2021 ġew revokati.

13. Jirriżulta illi, ai fini ta' dak mitlub permezz tar-rikors odjern, dak mitlub ġia ġie akkordat mill-Qorti fit-18 ta' Ġunju 2021 u d-digriet li qed jiġi mogħti fir-rikors Nru 603/2021 fl-istess ismijiet illum stess jrendi superfluwu kwalsiasi deċiżjoni ulterjuri fil-proċedimenti odjerni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi rat it-tħassir taċ-ċertifikat maħruġ a tenur tar-Regolament 805/2004 mill-Qorti Reġjonali ta' Salzburg li seħħ fis-17 ta' Ġunju 2021;

Wara illi rat id-deċiżjoni ta' dina l-Qorti kif ippresjeduta fir-rikors 603/2021 bejn l-istess partijiet deċiża kontestwalment mal-proċeduri odjerni, fejn il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Nru 818/2021 ġie revokat;

**Tastjeni** milli tkompli tieħu konjizzjoni tat-talbiet kif dedotti.

**Kull parti** għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**